DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

Rotta 2

StudentBounty.com

**L-EWWEL SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ____________

## Taqsima 1 (10 marki)

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Alla qal lil (Mosè, David, Abraham) biex joffri lil ibnu bħala sagrifiċċju.
2. Alla ta l-kmandamenti lil (Iżakk, Mosè, David).
3. L-ewwel sultan li kellhom il-Lhud kien (Sawl, David, Salamun).
4. Alla kien jinqeda bil-profeti biex (iħabbar il-futur, jikkastiga lill-midinbin, iwassal il-messaġġ tiegħu lill-Poplu Lhudi).
5. Wieħed mill-profeti kien (Indrì, Iżaija, Iżakk).
6. Il-kotba tat-Testment il-Qadim ikellmuna fuq iż-żmien ta' (qabel ġie Ġesù, meta Ġesù għex fostna, wara li ġie Ġesù).
7. L-anġlu (Rafel, Mikiel, Gabrijel) ħabbar lil Marija li ser tkun omm Ġesù.
8. Fil-ktieb (tal-Ġenesi, tal-Atti tal-Appostli, tal-Apokalissi) naqraw il-ġrajja ta' meta San Pawl ġie Malta.
9. Wieħed mill-erba' evanġelisti hu (Tumas, Mark, Pietru).
10. Dak li ttradixxa lil Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbug kien (Pietru, Ġwanni, Ġuda).

## Taqsima 2 (10 marki)

**Għaqqad kull waħda minn dawn li ġejjin billi tpoġġi n-numru fil-kolonna l-vojta.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. Ġesù jintilef fit-tempju | 2. tempesta | 3. il-bewsa ta' Ġuda | 4. is-salib | 5. il-Magħmudija |
| 6. Mibdul quddiem tliet appostli | 7. Żakkew | 8. Ġesù qed jitrabba | 9. Ġesù tarbija | 10. inbid |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kana | | Il-muntanja Tabor | |
| L-Għadira tal-Galilea | | Ġeriko | |
| Il-Ġnien taż-Żebbuġ | | Nażżaret | |
| Il-Golgota | | Betlehem | |
| Ix-xmara Ġordan | | Ġerusalemm | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Taqsima 3 (15 marki)

**Imla l-vojt bil-kelmiet li ssib fil-kaxxa t'hawn isfel.**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ġwanni | għaraq | jaċċetta | anġlu | mar | demm | qalb | Għid |
| ibati | itolbu | taż-żebbuġ | reqdin | jitlob | dwejjaq | tiġrib | |

Wara l-ikla tal-_____________ Ġesù mar jitlob fil-Ġnien _____________ . Miegħu ħa lil Pietru, Ġakbu u _____________. Ġesù beda jħoss _____________ kbar u beda _____________ lil Alla l-Missier biex, jekk jista' jkun, ma jħallihx _____________ imma kien lest li _____________ dak kollu li ried Alla minnu.

Resaq ħdejn l-appostli u sabhom _____________ . Deherlu _____________ biex jagħmillu l-_____________ u Ġesù beda jitlob b'ħerqa kbira. L-_____________ sarlu bħal qtar tad-_____________ iċarċar sal-art. Imbagħad qam u _____________ ħdejn id-dixxipli u sabhom reqdin. Qalilhom : "Qumu u _____________ biex ma tidħlux fit-_____________ . "

## Taqsima 4 (10 marki)

**Qabbel il-parabbola mat-tagħlima li tagħtina billi tikteb in-numri minn 1 sa 5 fil-kolonna l-vojta.**

| | Il-Parabbola | | It-tagħlima |
|---|---|---|---|
| 1 | tax-xibka tal-ħut | | Il-kelma t'Alla tagħmel frott fina skont kif nilqgħuha. |
| 2 | tan-nagħġa l-mitlufa | | Il-Knisja bdiet minn ftit, imma kibret u tilqa' fiha lil kulħadd. |
| 3 | tal-bidwi li ħareġ jiżra' | | Fil-knisja hemm midinbin u qaddisin. |
| 4 | tas-Samaritan it-tajjeb | | Ġesù jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw. |
| 5 | taż-żerriegħa tal-mustarda | | Għandna nħennu u ngħinu lil xulxin. |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers
StudentBounty.com

## Taqsima 5 (15

**Ikteb sentenza biex tfisser x'iridna nagħmlu Ġesù meta qal dan il-kliem.**

1. "Itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib."

___

2. "Missier aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu."

___

3. "Kull min iħobb il-verità jisma leħni."

___

4. "Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni."

___

5. "Tgeddsux għalikom teżori f'din id-dinja… iżda ġemmgħu għalikom teżori fis-sema."

___

## Taqsima 6 (20 marka)

**Aqra u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Ġesù jitma' ħamest elef ruħ

Meta sema' l-aħbar, Ġesù telaq minn hemm bid-dgħajsa u mar waħdu f'post imwarrab. Imma n-nies semgħu fejn mar, u telqu warajh bil-mixi mill-ibliet. Xħin niżel l-art mid-dgħajsa ra kotra kbira ta' nies u tħassarhom, u fejqilhom il-morda tagħhom. Xħin sar filgħaxija d-dixxipli tiegħu resqu lejh u qalulu: "Dan post imwarrab, u l-ħin għamel sewwa. Ibgħathom lin-nies, ħa jmorru fl-irħula jixtru x'jieklu." Imma Ġesù qalilhom: "Ma għandhomx għalfejn imorru; agħtuhom intom x'jieklu." U huma qalulu: "Hawn ma għandniex ħlief ħames ħobżiet u żewġ ħutiet." "Ġibuhomli hawn," qalilhom. Imbagħad ordna lin-nies biex joqogħdu bilqiegħda fuq il-ħaxix; ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, refa' għajnejh lejn is-sema, bierek, qasam il-ħobżiet u tahom lid-dixxipli, u d-dixxipli newwluhom lin-nies. U kulħadd kiel u xaba', u ġabru l-bċejjeċ li kien fadal u mlew bihom tnax-il qoffa. U kienu madwar ħamest elef raġel dawk li kielu, barra n-nisa u t-tfal. (Mt 14,13-21)

1. Fejn mar Ġesù meta telaq bid-dgħajsa ?

___

2. X'għamlu n-nies meta semgħu fejn mar ?

___

3. X'għamel Ġesù meta ra ħafna nies ?

___

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. X'riduh jagħmel l-appostli lil Ġesù ?

5. Ġesù x'qalilhom jagħmlu lill-appostli?

6. X'għamel Ġesù bl-ikel qabel ma tahulhom biex iqassmuh ?

7. Kemm imlew qfief bil-bċejjeċ li kien fadal ?

8. Kemm kien hemm nies ?

9. Dak in-nhar Ġesù tema' lin-nies bil-ħobż. Lilna wkoll tana ikel speċjali.
   F'liema sagrament nirċievu dan l-ikel?

10. B'liema kliem fl-Aħħar Ċena Ġesù tana dan is-sagrament?

## Taqsima 7 (10 marki)

**Ġesù għamel l-ewwel miraklu waqt tieġ f'Kana.**
**Irrakkonta dan il-miraklu f'madwar 50 kelma.**
Dan il-kliem jista' jgħinek:
Omm Ġesù, l-appostli, mistednin, l-inbid spiċċa, sitt ġarar, bierek, inbid itjeb.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## Taqsima 8

**Ġesù refa’ s-salib u ġarru sa fuq l-għolja tal-Golgota.**

**Kompli ikteb din il-ġrajja sa ma Ġesù miet fuq is-salib.**

Dan il-kliem jista’ jgħinek :
Xmun minn Ċirene, żewġ ħatjin oħra, “Missier aħfrilhom”, il-kitba fuq is-salib, “Ġesù, ftakar fija,” dalma kbira, iċ-ċenturjun.

**Tmiem il-karta**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers